**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**DIGRIET KAMERALI**

**ILLUM L-1 TA' FRAR 2021**

**Rik. Kost. 247/2020 RGM**

**Mark Fenech et.**
**Vs.**
**L-Avukat ta' l-Istat et.**

Dan huwa provvediment dwar talba tar-r-rikorrenti sabiex jizdied fl-okkju isem ta' persuna ohra.

B'rikors tat-30 ta' Dicembru 2020 ir-rikorrenti, wara li ppremettew (i) illi r-rikorrent Mark Fenech ghandu prokura generali ta' certu Steve Fenech, ko-proprjetarju iehor tal-immobbli mertu tal-kawza; (ii) illi sabiex ikun hemm l-integrita' tal-gudizzju; (iii) illi Steve Fenech ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jkun attur f'din il-kawza; u (iv) hemm eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju mressqa mill-intimati

Monica u Ronald Cilia;  talbu sabiex ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12 jigi intromess fil-kawza Steve Fenech bhala attur.

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat tal-25 ta' Jannar 2021 li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm moghtija, qed jopponi ghar-rikors de quo.

Rat ir-risposta tal-intimati Cilia tal-25 ta' Jannar 2021 li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm moghtija, qed jopponu ghar-rikors de quo.

Rat l-atti;

Ikkonsidrat;

Permezz tar-rikors taghhom tat-30 ta' Dicembru 2020 ir-rikorrenti qeghdin jitolbu li jzidu bhala attur lil Steve Fenech, ko-proprjetarju iehor tal-fond immobiljari mertu tal-kawza odjerna.  Mill-atti, senjatament mill-kopja tal-causa mortis (a fol. 8) jirrizulta li proprjament dan il-ko proprjetarju mhux Steve jismu izda Stephen.  Fuq l-att causa mortis kien deher ir-rikorrent Martin Fenech f'ismu proprju u in forza ta' prokura f'isem l-imsemmi Stephen Fenech li jirrisjedi fir-Renju Unit.

Kif sewwa osserva l-intimat Avukat tal-Istat fir-risposta tieghu, ir-rikorrenti imkien fl-att promotur ma indikaw li Martin Fenech qed jidher ukoll ghan-nom ta' Stephen Fenech.  Fir-rikors in dizamina ir-rikorrenti ma jaghtu l-ebda spjegazzjoni ghaliex lil Stephen Fenech hallewh barra mill-okkju tar-rikors promotur.  Imkien ma jissemma li dan kien xi zball jew xi lapsus calami.  Ghalhekk il-Qorti tqis illi in-nuqqas ta' isem Stephen sive Steve Fenech mill-okkju tar-rikors promotur bhala rikorrent ma kienx l-effett ta' zball.

Konsidrat illi in-nuqqas ta' isem Stephen Fenech fl-okkju tar-rikors promotur ma kienx l-effett ta' zball;  ghandu issa jigi kkonsidrat jekk ghall-finijiet ta' integrita' tal-gudizzju ghandiex il-Qorti is-setgha li zzid isem ta' persuna fisika jew guridika mal-isem jew ismijiet tal-atturi li jkunu intavolaw il-kawza.

L-Avukat tal-Istat jissottometti illi z-zieda mibdula ma hiex permissibbli peress li fi kliemu "tali intromissjoni ser tibdel is-sustanza tal-azzjoni gjaladarba Steven Fenech ghandu sehem indiviz fil-fond mertu ta' din l-azzjoni".

Min-naha taghhom l-intimati Cilia qed jopponu r-rikors in dizamina ghar-ragunijiet segwenti. L-ewwel objezzjoni taghhom hija msejsa fuq il-premessa illi "Il-ligi procedurali mkien ma tippermetti z-zieda ta' attur jew rikorrent f'kawza." Objezzjoni ohra hi li t-talba ghal zieda fl-ismijiet tar-rikorrenti ma hiex ammissibbli ghaliex twassal ghal bidla fis-sustanza tal-azzjoni jew tal-eccezzjoni fuq il-mertu tal-kawza. Jsostnu illi l-Artikolu 175 ma hux intiz li jezonera lil min jipprepara l-atti gudizzjarji milli josserva ir-rit procedurali. Lanqas ma huwa intiz sabiex jevita l-konsegwenzi tal-vjolazzjoni tal-ligi procedurali. Jissottomettu illi l-Artikolu 175 huwa intiz sabiex jigu rimedjati zbalji semplici. Fl-ahharnett jirrilevaw illi it-talba ghal zieda ta' isem bhala attur iehor fl-okkju saret wara li l-intimati Cilia resqu l-eccezzjonijiet taghhom fejn fost l-ohrajn eccepew illi l-gudizzju mhux integru proprju minhabba li fost l-atturi ma hemmx Stephen Muscat li huwa wkoll ko-proprjetarju. Jsostnu l-intimati Cilia illi l-akkoljiment tat-talba sabiex jizdied Stephen Fenech bhala attur "tkun qed tippregudika b'mod serju lill-esponenti fid-difizi taghhom."

Ikkonsidrat;

L-intimati Cilia jissottomettu illi t-talba tar-rikorrenti li jzidu rikorrent iehor fl-okkju ma hiex proceduralment permissibbli. Jirritjenu illi l-ligi procedurali "mkien ma tippermetti z-zieda ta' attur jew rikorrent f'kawza."

Minn ezami tal-Artikolu 175 huwa aktar milli evidenti illi tali sottomissjoni ma ssibx fondament fl-artikolu imsemmi. Dan l-artikolu jipprovdi b'mod inekwivoku illi l-Qorti tista' tordna tibdil fl-iskritturi "....billi fihom jizdied jew jitnehha l-isem ta' wahda mill-partijiet u jitqieghed iehor floku.............." Isegwi illi z-zieda ta' attur/rikorrent hija fis-setgha tal-Qorti. Kieku l-Legislatur ried illi zieda jew tibdil fl-isem ta' xi parti tkun applikabbli biss ghall-konvenuti/intimati m'hemmx dubju li l-Legislatur kien jistipula tali restrizzjoni. Il-fatt li l-Artikolu jsemmi "partijiet" u mhux "konvenuti" huwa indikazzjoni cara illi s-setgha moghtija lill-Qorti li tordna z-

zieda fl-isem ta' wahda mill-partijiet tirreferi sew ghall-atturi kif ukoll ghall-konvenuti.

Rilevanti sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "**C Fino & Sons Limited et. vs Saviour Buttigieg et.**" moghtija fit-30 ta' Settembru 2011fejn tikkonferma digriet li kien inghata mill-prim' istanza li permezz tieghu isem ta' socjeta' attrici kien tnehha u sostitwit b'isem ta' socjeta' ohra li biz-zieda ordnata tqieset bhala socjeta' attrici ghall-finijiet kollha. F'dik il-kawza kien addirittura irrizulta illi l-kumpanija bl-isem li tnehha lanqas biss kienet tezisti fil-jum li fih giet intavolata l-kawza. Kellha dan xi tghid il-Qorti tal-Appell fir-rigward tal-Artikolu 175:-

> Infatti dan l-artikolu jidher li kien intiz biex jigu evitati eccezzjoni simili billi, fost affarijiet ohra, nghatat il-fakolta` lill-qorti li, f'kull waqt tal-kawza, sahansitra qabel ma tigi pronunzjata s-sentenza, wara talba ta' wahda mill-partijiet, tordna li jizdied jew jitnehha l-isem ta' wahda mill-partijiet u jitqieghed iehor floku jew billi jissewwa zball fl-isem talpartijiet jew billi jissewwa kull zball iehor.

Il-Qorti tal-Appell ma sabet xejn x'ticcensura f'dik il-kawza dwar iz-zieda mill-prim' istanza ta' isem ta' socjeta' bhala attrici.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet "**Joseph M. Vella et. vs Vella Brothers Ltd. et.**" moghtija mill-Qorti tal-Appell fid- 9 ta' Marzu 2007 fejn ikkonfermat decizzjoni tal-prim' istanza li jizdied attur fl-okkju tal-kawza:-

> ...ir-rikorrent qed jitlob li jizdied l-isem ta' socjeta` li taghha huwa beneficcjarju u li fuqha ghandu kontroll shih, l-azzjoni ghandha l-ghan li l-ahwa Vella u s-socjetajiet intimati ma jiddistribwixxux fondi; profitti jew flus ta' Express Trailers Ltd. Din il-Qorti, kif diversament presjeduta, diga` kellha l-opportunita` tispjega illi l-Artikolu 175 tal-Kap. 12 ghandu l-iskop li jissalvagwardja l-validita` ta' l-atti gudizzjarji u b'hekk iwarrab il-possibilita` ta' multiplikazzjoni ta' proceduri minhabba dikjarazzjoni ta' nullita` ta' dawk l-atti. Jidher ukoll li, b'dan l-artikolu, il-legislatur ta poteri wiesghin hafna lill-Qrati billi l-artikolu jikkontempla kull tip ta' tibdil jew sostituzzjoni fl-atti. Din

id-diskrezzjoni, inoltre tista' tigi ezercitata minghajr il-htiega li tinstema' l-parti kuntrarja jekk il-Qorti thoss li tali intervent ma jkunx la mehtieg u lanqas necessarju. L-unika kwalifika li jimponi l-artikolu citat hija dik li kull 'sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza" (**Salem Nuri Razzewi v. il-P.L. M. Mifsud Bonnici**, deciza fis-27 ta' Frar 2004, Citazzjoni Nru. 55/89). F'kelma wahda l-Qorti tista' u ghandha tawtorizza korrezzjonijiet meta dawn ma jippregudikawx id-drittijiet tal-kontendenti. Gie infatti deciz fid-digriet moghti fil-kawza fl-ismijiet **D. Zerafa et v. Carmelo Buhagiar et**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fl-14 ta' Lulju, 2000 illi l-provvedimenti ta' l-artikolu in kwistjoni ghandhom jinghataw, fejn hu possibbli, interpretazzjoni wiesa' u fejn hu opportun u permess mil-ligi ghandhom jigu dejjem awtorizzati anke korrezzjonijiet fl-okkju.

11.2 Din id-disposizzjoni tal-ligi giet introdotta bl-Att XXIX tal-1995 (li ssostitwixxa d-disposizzjoni precedenti) b'mod li issa l-korrezzjonijiet li jistghu jsiru huma hafna aktar ampji minn dawk permessi qabel is-sena 1995. Dan sar bl-iskop li l-ligi tigi reza aktar effikaci u mmirata lejn gustizzja sostantiva fuq il-meritu tal-kaz, minflok li tkun imxekkla minn formalizmu u rigorozita` esagerata fil-procedura. In effett, il-promulgazzjoni ta' dawn l-emendi issanaw il-posizzjoni logika li l-ligi tal-procedura hija intiza biss sabiex isservi biex jintlahaq il-grad necessarju ta' gustizzja fil-ligi sotantiva, u ghalhekk il-ligi tal-procedura hija biss ghodda biex jintlahaq tali skop, u mhux il-finalizazzjoni ta' l-istess.

11.3 Kif korrettement spjegat il-Qorti ta' Prim Istanza l-limiti tal-poteri wiesa' moghtija mil-legislatur lill-gudikant jinsabu senjalati mill-frazi "basta li l-ebda tibdil ma jkun biddel fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni" fuq il-meritu tal-kawza. Inoltre, kif qalet l-ewwel Qorti l-fatt li l-izball kien gie msemmi fl-eccezzjoni ma hux ta' xkiel ghal akkoljiment tat-talba ta' korrezzjoni.

12.1 Din il-Qorti hija tal-fehma, bhal dik ta' qabilha, li l-korrezzjoni mitluba ma hix se ggib bidla fis-sustanza ta' l-azzjoni. In-natura ta' l-azzjoni baqghet l-istess. It-talbiet attrici huma identici ...................u l-motiv li ta lok ghall-

> istituzzjoni tal-kawza ma tbiddel bl-ebda mod. Ir-rikorrent ....... qed jitlob li flimkien mieghu tiddahhal bhala parti socjeta` li taghha huwa l-beneficcjarju u li fuqha ghandu kontroll assolut, (fatt li fuqu jaqblu l-partijiet kontendenti kollha), liema socjeta` ghandha sehem wiehed mis-socjeta` ..... [konvenuta]. Ghalkemm bl-inkluzjoni ta' din is-socjeta` in apparenza qed jiddahhal rikorrent iehor, tali rikorrent huwa fil-kontroll komplet ta' ....... [l-attur] u ma jbiddel xejn minn dak mitlub fir-rikors promotur. Bl-istess ragjonament, lanqas jidher li d-difiza ta' l-intimati fuq il-mertu tal-kawza giet ippregudikata bil-korrezzjoni mitluba.

Ikkonsidrat;

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tqis illi s-sottomissjoni tal-intimati Cilia li l-Qorti mhiex moghtija s-setgha li tippermetti z-zieda ta' attur jew rikorrent f'kawza bhala infondata fid-dritt.

Dwar jekk l-akkoljiment tat-talba ghaz-zieda ta' rikorrent iehor igibx bidla "fis-sustanza l-azzjoni" jew "l-eccezzjoni fuq il-mertu tal-kawza"; din il-Qorti tqis illi huwa aktar milli evidenti li tali zieda ma hiex ser tolqot la l-eccezzjonijiet fil-mertu u wisq anqas is-sustanza tal-azzjoni. It-talbiet attrici, primarjament indirizzati fil-konfront tal-Avukat tal-Istat, ma huma ser ikollhom l-ebda kambjament tenut kont li permezz taghhom ir-rikorrent qed jadixxu 'l-Qorti sabiex tiddikjara lezzjoni tad-dritt fundamentali taghhom da parti tal-Istat Malti rapprezentat mill-inimtat Avukat tal-Istat u mhux fil-konfront tal-intimati Cilia. Biz-zieda ta' Stephen Fenech bhala rikorrent l-azzjoni ser tibqa' dik li hi.

L-eccezzjoni li ghaliha jaghmlu referenza l-intimati Cilia fir-risposta taghhom hija dik enumerata numru 2 fejn jeccepixxu li l-gudizzju ma hux integru ghaliex skond id-dokumenti prezentati mir-rikorrenti stess, hemm ko-proprjetarju iehor. Jitolbu ghalhekk il-liberatoria. L-intimati Cilia jissottomettu illi biz-zieda ta' rikorrent iehor fl-okkju ser tigi ppregudikata "b'mod serju" id-difiza taghhom. Fil-fehma tal-Qorti dan ma hux il-kaz. Tajjeb jigi sottolineat illi id-distinzjoni li taghmel il-ligi rilevanti ma hiex jekk iz-zieda jew tibdil fl-iskritturi hux ser jirreka pregudizzju jew serju jew legger. Il-ligi taghmilha cara illi ma hux ta' ostakolu ghall-akkoljiment tat-

talbiet dwar tibdiliet fl-iskritturi jekk l-effett ta' tali tibdil ma jgibx ukoll tibdil fis-sustanza tal-azzjoin jew tibdil fl-eccezzonijiet fil-mertu. Isegwi ghalhekk illi tibdil konsegwenzjali fl-eccezzjonijiet li ma humiex fil-mertu, bhal fil-kaz odjern, ma hux ta' ostakolu proceduri ghall-akkoljiment tat-talba dwar tibdil fl-iskritturi. Eccezzjoni ta' nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju ma hiex eccezzjoni fil-mertu. Tant hu hekk li l-istess intimati li eccepewha ma talbux fl-istess eccezzjoni li t-talbiet attrici jigu rigettati izda talbu li jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi,

1. Tilqa' r-rikors tar-rikorrenti tat-30 ta' Dicembru 2020.

2. Tordna zieda fl-okkju tal-kawza fis-sens illi wara isem ir-rikorrent Martin Fenech jizdiedu l-kliem "u Stephen sive Steve Fenech".

**Moghti kameralment illum l-1 ta' Frar 2021.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**KOMUNIKA: Avukati tal-partijiet.**